MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-2 ta' Frar, 2012

Numru. 430/2010

**Il-Pulizija**
**Spettur Tony Cachia**
**vs**
**Josef Grima**

Il-Qorti,

Rat li l-imputat Josef Grima ta’ 26 sena, bin Francis Grima u Maria Assunta xebba Cassar, mwieled Pieta’ nhar it-13 t’Ottubru 1983, residenti Redentur Triq il-Kosbor, Zebbug u detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 506583(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

(a) Fit-30 t’April 2010 ghall-habta tas-12:45hrs, fi Triq Mdina Qormi ingurja, hedded u ghamel offiza fuq il-persuna ta’ wiehed inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku u cioe Gwardjan Lokali Jeremy Portelli, waqt li kien jaghmel jew minhabba li jkun ghamel dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuq kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz jew bil-hsieb li jbezzghu jew

li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz

(b) Fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li jkun jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita' kompetenti.

(c) Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi attakka jew irrezista bi vjolenza gwardjan lokali u cioe Jeremy Portelli fil-waqt tal-qadi ta' dmirijietu taht l-att dwar il-Gwardjani Privati u Lokali Kap 389.

(d) Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ikkommetta offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Jeremy Portelli (Gwardjan Lokali) persuna meqjusa bhala ufficjal pubbliku skond kif iccertifika Dr E Scerri M.D. Med reg no: 1686 mic-centru tas-sahha Qormi kif ukoll minn Dr Glenn Garzia M.D. med reg no: 3226 ta' l-isptar Mater Dei.

(e) Sar recediv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta.

Il-Qorti kienet mitluba wkoll sabiex f'kaz ta' htija, tipprovdi skond l-Art. 383 et seq tal-Kap. 9 tal-ligijiet ta' Malta, ghas-sigurta' ta' Jeremy Portelli u biex skond l-art 412C tal-Kap. 9 tohorg ordni ta' protezzjoni tal-persuna offiza u cioe ta' Jeremy Portelli minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza' ta' vjolenza.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 3 ta' Mejju 2010 (esebit a fol.3 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tat-3 ta' Mejju 2010 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni ta’ l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta’ nhar it-2 ta’ Frar 2012 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u cioe’ wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga’ lura minnha u kien biss wara li staqsietu it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta’ l-istess imputat, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta’ l-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat l-fatt li l-parte civile rrinunzja ghall-azzjoni kriminali fil-konfronti tal-imputat, kkunsidrat l-fatt ukoll li l-imputat skuza ruhu ghall-akkadut u accetta li jaghmel tajjeb ghad-danni sofferti mill-parti civili.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 95, 96, 221, 49 u 50 tal-Kodici Kriminali kif ukoll l-Arti 19 tal-Kap. 389 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u b’applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor sa zmien tmintax(18)-il xahar millum u bil-kundizzjoni li sa zmien xahar millum ihallas lil parti civili Jeremy Portelli is-somma ta’ mija u tletin ewro (€130).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------